# NEWSHEET TAL-GĦAQDIET KATTOLIĊI

Segretarjat għall-Apostolat tal-Lajċi

IL-KURJA, KAXXA POSTALI 1 TRIQ IR-REPUBLIKA, VICTORIA, VCT 1013, GHAWDEX, MALTA.
TEL: (00356) 2155 6661 - (00356) 2155 6427 - (00356) 2155 1211 FAX: (00356) 2155 127

**Nru. 400.** **April 2010**

# Pellegrinaġġ interdjoċesan għal San Pawl il-Baħar bi tħejjija għaż-żjara tal-Papa

**Nhar:** Il-Ġimgħa, 9 ta' April 2010.
**Ħin**: Mal-Vapur tal-5.15p.m. u lura mal-Vapur tad-9.20p.m.
**Biljetti:** Mill-Uffiċċji Parrokkjali ta' kull Parroċċa.

Nħeġġu lir-responsabbli u l-membri tal-Għaqdiet Kattoliċi u grupp ekkleżjali biex jieħdu sehem f'dan il-pellegrinaġġ bi tħejjija xierqa għall-miġja tal-Papa fostna.

**Kulħadd huwa mistieden għal dan il-Pellegrinaġġ.**

# Biljetti għall-Quddiesa tal-Papa

Min jixtieq jieħu sehem fil-quddiesa tal-Papa fuq il-Fosos tal-Furjana u fil-Laqgħa tal-Papa maż-Żgħażagħ fuq il-Valletta Waterfront nhar il-Ħadd 18 ta' April, hu mitlub jakkwista biljett tal-vapur mill-uffiċċju tal-Parroċċa. Il-biljett hu sussidjat. Peress li n-numru ta' persuni li jistgħu jirkbu fuq il-vapur ta' filgħodu li jmur mill-Imġarr għal Sa Maison hu limitat, il-postijiet jingħataw lil min jakkwista l-ewwel il-biljetti. L-oħrajn ikunu jistgħu jmorru bil-vapur taċ-Ċirkewwa u bil-coaches.

Se jkun hemm 3 kwalitajiet ta' biljetti disponibbli u wieħed għandu jakkwista l-biljett li jeħtieġ:
a. Għal min se jiġi biss għall-quddiesa tal-Papa (filgħodu)
b. Għal min se jiġi biss għall-attività taż-Żgħażagħ (wara nofsinhar)
c. Għal min se joqgħod għaż-żewġ attivitajiet (il-ġurnata kollha).

Infakkru li ż-żgħażagħ li jixtiequ jkunu preżenti għal-laqgħa mal-Papa jridu jirreġistraw isimhom mal-Parroċċa.
==========================================================================

## IS-47 KUNGRESS DJOĊESAN TAX-XIRKA tal-ISEM IMQADDES TA' ALLA

**IL-ĦADD 25 ta' APRIL 2010**
**Fil-PARROĊĊA TAL-GĦARB**

**SUĠĠETT: "MSEJĦIN GĦALL-ĦAJJA, GĦALL-ĦAJJA SĦIĦA ".**

**Imexxi KORTEO fil-5.00p.m. minn ĦDEJN L-Iskola Primarja**
**L-E.T. MONS MARIO GRECH ISQOF T' GĦAWDEX**

*KULLĦADD MISTIEDEN*

**P.T.O.**

# Kalendarju Pastorali
# April – 2010
# Numru 400

| | |
|---|---|
| 1.Ħamis | **Ħamis ix-Xirka.** Fil-Katidral issir il-**Quddiesa tal-Griżma** li fiha jitbierku ż-żjut Imqaddsa u s-saċerdoti jġeddu l-Wegħdiet Saċerdotali tagħhom. Il-Quddiesa tibda fid-9.00a.m. Ikla għas-Saċerdoti kollha tad-djoċesi fis-Sala tas-Seminarju, Victoria. Ħin 11.30a.m. Fil-għaxija fil-Knejjes issir it-Tifkira Solenni tal-Ikla tal-Mulej. Issir **Ġabra għall-ħtiġijiet tad-Djoċesi.** |
| 2.Ġimgħa | **Tifkira Solenni tal-Passjoni tal-Mulej.** Hemm l-obbligu tas-Sawm u Astinenza. |
| 3.Sibt | **Is-Sibt Qaddis tal-Għid**. Issir is-Sahra tal-Għid. Is-Siegħa tal-Omm, Ċelebrazzjoni Marjana fis-Santwarju f' Ta' Pinu fid-9.00a.m. Lejl Ador. mill-Mov. Ewk. fil-Knisja tal-Qalb ta' Ġesù, Nadur li jibda fit-10.00 pm. |
| 4.Ħadd | **Il-Għid il-Kbir tal-Qawmien tal-Mulej mill-Imwiet.** Jibda t-Tberik tal-Familji. Films għall-familja fl-Oratorju Don Bosco, Victoria fil-5.30p.m. |
| 5-11 | Ottava tal-Għid. |
| 5.Tnejn | Każ Morali Saċerdoti Żona A – Fontana fil-4.00p.m. |
| 7.Erbgħa | Laqgħa għall-Kappillani. Ragħaj it-Tajjeb, Victoria fit-8.30a.m. Laqgħa tal-Kummissjoni Djoċesana Familja –Ċentru Past. Ragħaj it-Tajjeb fis-7.00p.m. Is-17- il dehra tal- B.Verġni Marija ġewwa Lourdes./Jum Dinji tas-Saħħa (NU). |
| 9.Ġimgħa | It-43 Anniversarju tal-Konsagrazzjoni Episkopali tal-E.T. Mons. Nikol G. Cauchi, Isqof Emeritus. Isir talb għall-bżonnijiet tiegħu. Pellegrinaġġ interdjoċesan għal San Pawl il-Baħar bi tħejjija għaż-żjara tal-Papa – Vapur tal-5.15p.m.- lura mal-vapur tad-9.20p.m. |
| 10.Sibt | Lejl Adorazzjoni mill-Mov, Ewk. fil-Knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb, Victoria li jibda fit-8.30p.m. |
| 11.Ħadd | **It-Tieni Ħadd tal-Għid. Festa tal-Ħniena Divina.** **Ġabra speċjali** fil-knejjes kollha b'risq iż-żjara tal-Papa. Films għall-familja fl-Oratorju Don Bosco, Victoria fil-5.30p.m. |
| 12.Tnejn | Każ Morali Saċerdoti Żona B –Għasri fil-4.00p.m. Laqgħa tal-Kunsill Pastorali Djoċesan –Ċentru Pastorali Ragħaj it-Tajjeb – 7.00p.m. |
| **17.Sibt** | **Żjara tal-Papa Benedittu XVI f'Malta.** Lejl Adorazzjoni mill-Mov. Ewk. fil-Knisja Ta' Ħamet li jibda fit-8.30p.m. |
| **18.Ħadd** | **It-Tielet Ħadd tal-Għid. Żjara tal-Papa Benedittu XVI f'Malta.** |
| 19.Tnejn | Il-Ħames Anniversarju mill-ħatra tal-Papa Benedittu XVI. Isir Talb għall-Papa. Każ Morali Saċerdoti Żona Ċ –Għajnsielem fil-4.00p.m. |
| 20.Tlieta | Laqgħa għaż-Żgħażagħ Għawdxin f'Malta-Kappella tal-Università – 7.15p.m. KDŻ. |
| 23.Ġimgħa | San Ġorġ Martri, Patrun tal-Belt Vittorja u Protettur tal-Għawdxin. Festa fil-Belt Vittorja. Fid-djoċesi tifkira (0). |
| 24.Sibt | Il-Ħames anniversarju tal-Bidu tal-Pontifikat tal-Papa Benedittu XVI. Adorazzjoni għall-Persuni kkonsagrati fil-Parroċċa tal-Qala li tibda fis-7.00p.m. Il-Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku ser isir fil-Parroċċa tal-Għarb li jibda fit-8.30p.m. |
| 25.Ħadd | **Ir-Raba' Ħadd tal-Għid. Jum ta' Talb għall-Vokazzjonijiet.** Is- **47 Kungress Djoċesan tax-Xirka** tal-Isem Imqaddes ta' Alla fil-Parroċċa tal-Għarb.Korteo fil-5.00p.m. minn ħdejn l-Iskola Primarja. Films għall-familja fl-OratorjuDon Bosco, Victoria fil-5.30p.m. |
| 26.Tnejn | Każ Morali Saċerdoti Żona D – Ta' Ħamet fil-4.00p.m. |
| 27.Tlieta | Laqgħa tal-Kappillani tal-isptar Ġenerali ta' Għawdex. |
| 28.Erbgħa | Laqgħa tal-Kunsill Kapijiet Skejjel tal-Knisja fil-10a.m./ Laqgħa tal-Kummissjoni Djoċesana Familja – Ċentru Pastorali Ragħaj it-Tajjeb fis-7.00p.m. |
| 30.Ħamis | San Piju V. Benefattur ta' Malta. |

P.T.O.